MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2007

Numru 23/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Alfred Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-14 ta' Awissu 2003 kontra Alfred Azzopardi li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli: (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra (Vanessa Grech) jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt; (2) dolozament, bil-hsieb li joqtol lil

persuna ohra (Ailey Grech) jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt; (3) fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu; (4) xjentement heba l-kadavru ta' persuna li mietet b'delitt;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti kontra wiehed (1) sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati ta' l-Ewwel u tat-Tieni Kapi ta' l-Att ta' Akkuza u unanimament sabuh hati tat-Tielet u tar-Raba' Kapi ta' l-Att ta' Akkuza, iddikjarat lill-imsemmi Alfred Azzopardi hati talli: (1) nhar-it 12 ta' Novembru, 2001, f'33 Triq Santa Katerina, Birzebbugia, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Vanessa Grech jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza; (2) nhar-it 12 ta' Novembru, 2001, f'33 Triq Santa Katerina, Birzebbugia, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ailey Grech jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza; (3) fit-12 ta' Novembru, 2001, go Birzebbugia, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u ma kienx qieghed igorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari ghal xi ghan legittimu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza; (4) fit-12 ta' Novembru, 2001, go Birzebbugia, xjentement heba l-kadavri ta' Vanessa u Ailey Grech li mietu b'delitt, u dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza, u kkundannat lill-imsemmi Alfred Azzopardi ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru kif ukoll ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-perizji f'din il-kawza li jammontaw ghal elf sitt mija u sitt liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1606.63) a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u inoltre ordnat il-konfiska tal-mus esebit. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena u rat il-fedina penali aggornata tal-hati li ma kienet turi l-kommissjoni ta' ebda reat, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-Avukat Difensur li jinsabu registrati w senjatament li l-verdett fuq l-ewwel zewg kapi tal-Att tal-Akkuza ma kienx wiehed unanimu, li l-hati huwa “first time offender”, li hu kkoopera bis-shih mal-Pulizija wara ftit tal-hin li gie arrestat, illi l-komportament tieghu fil-habs kemm ilu arrestat kien wiehed ezemplari, li l-hati wera s-soghba tieghu ghal dak li gara w iddikjara kemm-il darba li ma riedx joqtol u li l-Qorti kellha tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment il-fatt li l-vittma Vanessa Grech kellha arma f’idejha qabel ma gara l-incident u li seta’ kien hemm xi provokazzjoni.
“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur li bihom, filwaqt li ma kkontestax li l-fedina penali aggornata tal-hati hija wahda netta w li hu gab ruhu sew fil-habs, kif del resto suppost li ghamel, sostna li dan kien kaz fejn gew kommessi zewg omicidju volontarji fahxin u makabri, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(a) tal-Kodici Kriminali w bla tlaqlieq ta’ xejn, il-prosekuzzjoni kienet qed titlob ghal piena ta’ ghomor il-habs.
“Ikkonsidrat:
“Illi l-piena ghall-ewwel zewg reati skond il-ligi hija dik ta’ ghomor il-habs ghalkemm meta l-verdett tal-gurati ma jkunx unanimu skond l-Artikolu 492(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax-il sena minflok il-piena ghall-prigunerija ghal ghomor. Ghar-reat taht it-tielet kap tal-Att tal-Akkuza l-piena hija dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn skond l-Artikolu 26 tal-Kap. 66 u l-piena ghar-reat taht ir-raba’ kap tal-Att tal-Akkuza hija dik ta’ mhux izjed minn sitt xhur prigunerija.
“Illi l-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz thoss u tara illi ghal dan il-kaz ta’ omicidju doppju fejn il-gurati m’accettawx id-difizi prospettati mill-hati w ma sabu ebda attenwanti jew skuzanti, hi ma tistax hlief tapplika l-piena ta’ prigunerija ghal ghomor.”

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Azzopardi pprezentat fit-2 ta’ Jannar 2006 fejn talab li din il-Qorti thassar u, hlief ghall-Kap Tlieta u Erba’, tirrevoka l-verdett imsemmi tal-gurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15

ta’ Dicembru 2005, u tordna li jigi registrat verdett ta’ mhux hati fil-konfront tieghu u jigi liberat minn kull htija u piena u, subordinatament u fi kwalunkwe kaz li din il-Qorti, f’kaz li tichad l-appell tieghu ghal dik li hija htija, tirriforma s-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz u l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta’ unanimita`;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti: (1) li mill-provi processwali ma kienx hemm bizzejjed biex il-gurija ragjonevolment setghet issib htija fil-konfront tieghu almenu minghajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kien hemm direttivi ta’ ligi zbaljati b’mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghet kellha effett determinanti fuq il-verdett raggunt mill-gurati; (3) fi kwalunkwe kaz u subordinatament, anki li kieku kellu jigi accettat li l-appellant huwa hati, il-piena nflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eccessiva u tmur oltre dak permess mil-ligi.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju fejn l-appellant jilmenta dwar xi partijiet ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri u jsostni li kien hemm applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tal-ligi. L-appellant jghid illi d-difiza li huwa pprezenta quddiem il-guri kienet limitata ghall-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali – kif kien qabel ma gie emendat bit-thassir tal-kliem “fil-kazijiet ta’ provokazzjoni” bis-sahha ta’ l-artikolu 41 ta' l-Att numru III tas-sena 2002. Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid hekk:

“Illi fl-ispjegazzjoni tieghu, l-Onorevoli Imhallef informa korrettement lill-gurati li din id-difiza tista’ tinqasam fi tnejn: wiehed fejn ir-reat ta’ omicidju volontarju huwa skuzabbli ghaliex il-hati kien semplicement agixxa taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantaneja jew

agitazzjoni tal-mohh, b'dan li jista' jkun li tali passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh tal-hati tkun minhabba provokazzjoni. Illi korrettement l-Onorabbli Imhallef spjega li tali provokazzjoni m'ghandhiex l-istess rekwiziti msemmija fl-artikolu 227(a) tal-Kodici Kriminali.

"Illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri korrettement qal li ghall-ewwel paragrafu ta' l-artikolu 227(c) il-gurati jridu jaghmlu test suggettiv, jigifieri li jidhlu fiz-zarbun ta' l-akkuzat. B'hekk is-sinjuri gurati huma obbligati li jaraw ic-cirkostanzi li kien fihom l-akkuzat u janalizzaw jekk dak li kien ghamel kienx sar taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh. L-appellant jissottometti li waqt l-indirizz ta' l-Imhallef, l-Onorabbli Imhallef kien anki saqsa jekk huma, jigifieri l-gurati kinux jaghmlu dak li ghamel l-akkuzat. Jigifieri spjega li t-test suggettiv ghandu jsir billi wiehed isaqsi jekk huma, f'dawk ic-cirkostanzi kinux joqtlu omm u tarbija. L-appellant jissottometti li bir-rispett kollu t-test suggettiv ma jsirx b'tali mod, anzi bil-kontra. Il-gurati ghandhom jaraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz li janalizzaw jekk dak li ghamel l-appellant setax kien frott ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh u l-gurati kellhom jigu diretti sabiex jidhlu fil-forma mentis ta' l-appellant filwaqt li kkommetta r-reati in kwistjoni. Il-gurati jridu jaraw jekk f'dawk ic-cirkostanzi li gie pprezentat lilhom kienx probabbli li l-appellant agixxa taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh. Jekk kinux jaghmlu l-istess haga huwa bir-rispett kollu irrilevanti u mhux ta' importanza. Ovvjament fuq mistoqsija jekk wiehed kienx joqtol omm u bintha, kulhadd jghid li ma kienx jaghmel hekk.

"Barra minn hekk meta l-Onorevoli Imhallef spjega lill-gurati li ghar-rigward tal-provokazzjoni jrid ikun hemm it-test oggettiv, fis-sens li l-artikolu li tahtu hemm din id-difiza jitlob li l-gurati jqisu jekk ir-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt … spjega li dan it-test kien wiehed oggettiv u b'hekk il-gurati ghandhom mhux jaraw oggettivament jekk dak li sar kienx jitqies bhala provokazzjoni, izda anki r-reazzjoni ta' l-appellant kienx ta' persuna ta' temperament ordinarju. Bir-rispett kollu l-appellant jissottometti li f'dan il-paragrafu

ta’ l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, li huwa pjuttost paragrafu ta’ spjegazzjoni, il-legislatur ma kienx qed johloq test differenti ghal passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh, izda ried jaghmel test oggettiv limitatament ghall-provokazzjoni. B’hekk il-mistoqsija li kellha tigi spjegata lill-gurati kienet jekk l-azzjoni li saret, f’dan il-kaz mill-vittma Vanessa Grech billi harget mus ghall-appellant, kinitx provokazzjoni kif jifhmuha nies ta’ temperament ordinarju. B’hekk jekk il-gurati jqisu li l-fatt li persuna tohrog mus ghal persuna ohra mhix provokazzjoni ghal persuna ta’ temperament ordinarju l-akkuzat ma jistax jipprezenta difiza li kien hemm passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh minhabba provokazzjoni, izda xorta wahda tista’ tkun agixxiet taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh minghajr provokazzjoni u l-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh ghandha titqies mill-gurati wara li jaghmlu t-test suggettiv. B’hekk ghal din id-difiza ghandu jkun hemm dejjem it-test suggettiv sew bil-provokazzjoni u sew minghajr il-provokazzjoni. It-test oggettiv ghandu jintuza biss sabiex wiehed jara jekk azzjoni tistax titqies bhala provokazzjoni. Izda l-Onorabbli Imhallef ta spjegazzjoni u direzzjoni totalment differenti. Huwa spjega lill-gurati li ghar-rigward il-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh minhabba provokazzjoni wiehed ghandu juza t-test oggettiv biss, jigifieri ghall-provokazzjoni, kif ukoll ir-reazzjoni ghal tali provokazzjoni. Fl-umli opinjoni ta’ l-appellant dan huwa zball li affettwa l-gudizzju tas-sinjuri gurati b’mod li ppregudika l-gudizzju taghhom.

….

“Illi l-Onorevoli Imhallef fl-indirizz tieghu ta spjegazzjoni semplicistika fis-sens li l-appellant kellu l-intenzjoni li joqtol taht l-artikolu 211, izda ‘baqa’ ghaddej’ ghaliex ma kienx kapaci li jqis l-konsegwenza tad-delitt minhabba l-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh.”

Issa, huwa pacifiku li l-artikolu 227(c) kien jippostula zewg sitwazzjonijiet: l-ewwel sitwazzjoni hija dik ta’ agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja kagunata minn xi haga interna u minghajr necessarjament sitwazzjoni ta’

provokazzjoni gejja mill-estern, ossia minn xi hadd iehor; it-tieni sitwazzjoni, li ghaliha kien japplika paragrafu separat taht l-istess artikolu 227(c), hi dik meta l-agitazzjoni tal-mohh jew il-passjoni istantaneja tkun kagun tal-provokazzjoni ta' haddiehor.

Din il-Qorti qed tghid "kien" peress li bis-sahha ta' l-artikolu 41 ta' l-Att numru III tas-sena 2002, dan il-paragrafu gie emendat billi thassru l-kliem "fil-kazijiet ta' provokazzjoni". Difatti qabel din l-emenda, is-sinifikat ta' dan il-paragrafu kien kif deskritt fil-kawza citata mill-appellant **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1986 fejn intqal:

**"Minn ezami ta' l-imsemmi artikolu 241(c)[1], u fuq l-iskorta ta' dak li gie premess, ghalhekk, jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-eghmil taghha imhabba li tkun <u>taht l-influwenza immedjata</u> (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol tkun taht l-influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali;**

**"Dan l-istat mentali ta' l-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju…."**

Dik l-istess sentenza mbaghad tkompli tghid:

**"Kif diga` rilevat, biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li**

---

[1] Illum artikolu 227(c).

**mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha. U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna (f'paragrafu separat taht l-inciz (c) ta' l-imsemmi artikolu 241) li fil-kazijiet ta' provokazzjoni, cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar imhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt".**

Issa, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. F'dak l-indirizz gew spjegati d-difizi prospettati mid-difensur ta' l-appellant, u cioe` li l-appellant agixxa taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li ma hallitux iqis il-konsegwenzi ta' ghemilu u, alternattivament, li dak li ghamel ghamlu ghax kien ipprovokat. L-Imhallef li ppresjeda l-guri ta spjegazzjoni dettaljata lill-gurati ta' dawn iz-zewg difizi kif gej[2]:

"Issa x'inhi din l-agitazzjoni tal-mohh? Din agitazzjoni l-kelma naturalment titkellem wahedha. Trid tkun persuna li qed tagixxi taht l-influwenza mmedjata, jigifieri ta' dak il-hin mhux ghax ilha trembel go mohhha kif ser taghmel u ma taghmilx u tigma fl-istonku taghha mibeghda u dan kollu, imma trid tkun xi haga li xeghlet dak il-hin, l-influwenza mmedjata, immedjata jigifieri ta' dak il-hin, mhux gejja minn qabel, gejja minn xhur qabel jew gejja minn gimghat qabel jew sieghat qabel, ta' dak il-hin. Ta' passjoni istantaneja. Passjoni huwa sentimewnt, sentiment qawwi anzi nifhmu, Il-passjonijiet x'inhuma? Il-passjoni ta' l-imhabba, il-passjoni tal-mibeghda, normalment huma sentimenti qawwijin hafna fil-bniedem dawn. Istantaneja, jigifieri li tigi minnufih, jigifieri li tigi f'daqqa.

2 Fol. 38 – 43 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

"Jew agitazzjoni tal-mohh. Issa agitazzjoni tal-mohh x'inhu? Mental excitement. Kulhadd nahseb xi darba rrabja u kulhadd jaf x'ihoss meta jirrabja, ma jibdiex jitkellem car u jibda anke l-kliem ma jiftiehemx sew, u kulhadd ghandu naturalment t-treshhold tat-temperatura tieghu, u hawn min jirrabja malajr, hawn min idum biex jirrabja pero` meta jirrabja mbaghad jirrabja wahda kbira, darba kull tliet snin u jwerwer lil kulhadd, ghax tkun tafu bhala bniedem kalm imbaghad taghmillu xi haga zghira u jaghmillek xi xenata. Imma intom mill-esperjenza taghkom tafu wkoll x'inhi din l-agitazzjoni tal-mohh. Jigifieri trid tkun agitazzjoni tal-mohh, eccitament mentali li xi darba kulhadd ghadda minnu. Jekk m'intomx tal-baqq demmkom xi darba kelkom xi incient, hbatt bil-karozza forsi, xi hadd attakkak, xi hadd iggilidt mieghu d-dar, mal-mara, mar-ragel, illi l-affarijiet titla' t-temperatura sa certu livell illi ma tkunx ezattament taf x'qed tghid u x'qed taghmel.

"Pero` biex tkun skuzanti din il-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh trid tkun tali li filwaqt tad-delitt ma tkunx tista' tqis l-eghmil; tieghek. Jigifieri mhux ma tafx x'qed taghmel, taf ezatt x'qed taghmel, imma dak il-hin tant tkun intlift li m'intix f'posizzjoni li tqis il-konsegwenzi ta' l-eghmil tieghek.

"Issa din sinjuri gurati hija kwistjoni ta' fatt li l-ligi thalli f'idejn kull wiehed u wahda minnkom. Il-ligi tippresumi li intom nies normali u qed tiggudikaw mill-ahjar li tistghu. Pero` importanti kif kienet il-ligi dak iz-zmien, ghax il-ligi issa nbidlet, imma kif kienet il-ligi fl-2001 meta tridu taraw jekk hu kellux din l-agitazzjoni tal-mohh, din il-passjoni istantaneja, ma tridux tqisuha bil-kriterju oggettiv ta' intom li qeghdin issa d-disgha li hemm komdi … sereni, u tghidu mela issa ha nibda nkejjel bil-pinzetta jien biex nara ezattament dan kellu din. Tridu tpoggu ruhkom fil-posizzjoni tieghu jekk hu possibbli dejjem, kemm hu possibbli, u taraw kif agixxa hu dak il-hin kellux fil-fatt din l-agitazzjoni ta' mohh u din il-passjoni istantaneja. Jigifieri hawnhekk it-test li tridu tapplikaw huwa soggettiv fis-sens tridu jekk jista' jkun tpoggu ruhkom minfloku u taraw kif

seta' kien qed ihossu u qed jara l-affarijiet hu dak il-hin. Mhux intom issa d-disgha li hawn kif ghidna bil-kalma oggettivament hemmhekk. Wiehed irid jaghmel l-isforz li jidhol fic-cirkostanzi ta' dak il-kaz, naturalment fuq il-fatti li rrizultawlna u skond liema verzjoni taccetta wkoll. Imbaghad wara li tiddetermina liema verzjoni ser toqghod tal-fatti li grat fuqha, ghax tghid isma' jiena din ghalija l-vera, mhux din jew din, tipprova tpoggi ruhek fil-posizzjoni li kien hu u tifhem il-mentalita` tieghu dak il-hin, u tara jekk dan kellux din is-sahna mentali, din is-sahna tad-demm li minhabba fiha dak il-hin ma setax iqis il-konsegwenzi ta' l-eghmil tieghu.

"Nerga' nghid, mhux ma jafx x'qed jaghmel, jaf li qed jaghti bis-sikkina, u jaf li qed jaghti bis-sikkina fejn qed jaghti jigifieri f'postijiet li jista' joqtol jew ipoggi l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, imma li dak il-hin xorta wahda mhuwiex qieghed f'posizzjoni li jifhem il-konsegwenzi ta' dak li qed jaghmel. Din kwistjoni ta' fatt, ma nistax nghinkom fiha jien, kulhadd irid jaghmel l-assessment tieghu pero` mhux assessment oggettiv ta' bniedem kalm qieghed hemm, imma billi wiehed jipprova jpoggi ruhu fil-posizzjoni ta' l-akkuzat dak il-hin.

"Jekk intom anke fuq bazi ta' probabilita` – ghax tinsiex din id-difiza li qed tqajjimha … mela allura dak il-grad ta' prova bizzejjed nitilghu sat-tieni sular, m'hemmx ghalfejn nitilghu ghand is-sur certezza morali, hawn bizzejjed naslu sas-sur probabbli, fit-tieni sular – jekk intom sodisfatti sal-grad tal-probabbli li kien hekk, li meta hu ghamel dak li ghamel kien taht din l-agitazzjoni tal-mohh li ma kienx qed iqis x'qed jaghmel, allura f'dak il-kaz intom tridu tiddeciedu li ghalkemm jirrizulta r-reat ta' omicidju volontarju, xorta ser jibqa' hemm, imma huwa skuzat, fis-sens huwa anqas gravi milli kieku ma kienx hemm dik l-iskuzanti. Dejjem bizzejjed li intom tkunu sodisfatti sal-grad tal-probabbli, u dejjem billi intom tuzaw it-test soggettiv, cioe` kif kien qed ihossu hu jekk wiehed jista' jipprova jifhem kif kien qed ihossu hu minn dak li xehed hawn u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz li kien hekk. Jekk intom m'intomx sodisfatti l-anqas sal-grad tal-probabbli li

kien hekk, allura tridu ssibu l-htija ta' omicidju volontarju kif hemm fl-att ta' l-akkuza.

"Mela din hija l-ewwel decizjoni li tridu taghmlu. U tridu taghmluha fiz-zewg kazijiet, ghaliex id-difiza tapplika ghaz-zewg kazijiet. Anzi qed jghidilkom id-difensur tant kien hekk li dan intilef u ma kienx jaf x'qed jaghmel illi altrimenti l-mewt tat-tifla non si spjega, ghax kieku ghat-tifla ghalfejn kellu jifferocja fuqha wkoll u jaghmillha dawk il-feriti u joqtolha, kieku  mhux ghax veru kien mitluf? Dan argument li gabet id-difiza. Il-prosekuzzjoni qalet dik qatilha biex iwarrabha min-nofs ghax inkella kien ser jispicca bit-tarbija f'idejh u dak id-demm kollu *and he would have a lot of explaining to do*. Din kwistjoni ta' fatt, intom tridu tiddeciduha min ghandu ragun minnha din . Kwistjoni ta' fatt din. Pero` dan l-ezercizzju jrid isir fil-kaz tat-tnejn.

….

"Issa mbaghad hemm it-tieni difiza li hija wkoll tnaqqas il-htija, u hija d-difiza tal-provokazzjoni. Provokazzjoni nahseb kulhadd jaf xi tfisser, jiena naghmillek xi haga ghax bdejtli int, u jiena mbaghad jew ghax irrabjajtni jew biex inpattihielek, jew ghax shant u tlift l-'R' dak il-hin. Issa d-difiza tal-provokazzjoni, il-ligi tghidilna meta jkun hemm din il-provokazzjoni. Tghidilna l-ewwelnett meta m'hemmx provokazzjoni … fejn per ezempju dak li jkun ikun gie provokat mill-korrezzjoni legali ta' min qed jikkoregieh … meta per ezempju jkun hemm pulizija … qed jaghmel il-qadi ta' dmirijietu … meta l-provokazzjoni jkun fittixha hu stess ….

….

"Issa bid-differenza ta' dak li ghidtilkom ghal agitazzjoni tal-mohh u l-passjoni istantaneja. Fejn it-test ghidtilkom irid ikun soggettiv, tridu tilbsu z-zarbun tieghu u taraw kif kien qed ihossu dak il-hin, fil-kaz tad-difiza tal-provokazzjoni l-ligi le, mhux hekk tghid, hawnhekk trid issa li jsir it-test oggettiv. Mhux aktar issa rridu nilbsu z-zarbun tieghu, issa rridu naraw jekk bniedem normali

rinfaccat b'dik it-tip ta' provokazzjoni li qed jghid hu li kellu, jekk kellu, kienx jirreagixxi b'dak il-mod. Importanti din, ghalkemm iz-zewg difizi huma simili, wahda kif kienet il-ligi dak iz-zmien tesigi t-test soggettiv, trid tpoggi ruhek fiz-zarbun tieghu fejn jghid li ntilef, fejn jghid li ma kienx jaf x'qed jaghmel ghax eccita ruhu, ecc. Jekk ser jghid li kien provokat allura mbaghad hawnhekk ser jidhol issa t-test oggettiv. U l-ligi tghid car u tond f'dan il-kaz, sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu jinhtieg fil-kaz ta' provokazzjoni, jekk qed jghid li ghax kien provokat, illi fil-fatt l-omicidju jkun sar minhabba sahna tad-demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil tal-persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, isimghu din issa, f'nies ta' temperament ordinarju jgib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.

"Mela issa hawnhekk il-ligi qed tohloq test iehor, it-test oggettiv. Issa allura min jghid li hu gie provokat iddur fuqu u tghidlu imma hija issa ha nara daqsxejn, in-nies normali fid-dinja hekk jaghmlu? Imbaghad hawnhekk ser tidhol issa proprju l-esperjenza taghkom tal-hajja terga'. Hawn ghandkom id-dritt issa *you sit back* bil-kalma kollha u tghid isma' imma n-nies normali fil-hajja rinfaccati b'sitwazzjoni bhal din, skond liema verzjoni taccettaw naturalment, hux il-verzjoni li ta l-ewwel illi l-glieda bdiet wara li kellhom x'jaqsmu, wara li strahu flimkien hdejn xulxin wara l-att sesswali speci dik il-paci kollha mbaghad f'daqqa wahda qamet din il-kwistjoni kollha u harget is-sikkina u dan kollu, jew inkella anke jekk il-glieda bdiet mill-ewwel, nezghu gharwenin biex jibdew jiggieldu dawn, araw intom liema storja ser taccettaw, tghidu issa stenna ftit, ha naraw daqsxejn, in-nies normali meta jqum incident fuq daqshekk jirreagixxu mbaghad b'dan il-mod? Ghaliex jekk intom sodisfatti dejjem sal-grad tal-probabbli li nies normali f'dik is-sitwazzjoni jaslu biex jaghmlu dik il-herba, allura tilqghu d-difiza u tghidu iva kien provokat. Jekk intom mill-esperjenza tal-hajja taghkom meta tadottaw it-test oggettiv din id-darba, standard normali tan-nies normali, tghidu isma' l-anqas sal-grad tal-probabbli ma jien sodisfatt jew sodisfatta li dan ghax kellu dik it-tip ta' provokazzjoni kellu jaghmel din il-herba kollha, allura ma

tilqaghhiex id-difiza tal-provokazzjoni u allura ssib il-htija kif hemm fl-att ta’ l-akkuza.

“Jigifieri sinjuri gurati wara li intom taghmlu l-ezercizzju dwar il-fatti, x’fatti ser taccettaw … tridu tqisu jirrizultax il-fatt materjali tal-qtil ta’ zewg persuni, kemm fuq l-ewwel kap u kemm fuq it-tieni kap, taraw hemmx mic-cirkostanzi l-intenzjoni diretta li ried joqtol jew li ried ipoggi l-hajja f’periklu car ta’ wahda u ta’ l-ohra, taraw anke jekk fil-kaz ta’ xi wahda ntlaqtet kif qed jghid hu accidentalment intlaqtitx accidentalment waqt li kien qieghed jaggredixxi lil xi haddiehor biex joqtlu jew biex ipoggilu hajtu f’periklu car, f’liema kaz anke dik li mietet innocentement jew intortatament ukoll hija omicidju. Imbaghad tqis, imma f’liema stat ta’ animu kien dan meta ghamel dan kollu? Jekk inti sodisfatt sal-grad tac-certezza morali li kien hu u li waqt li qed jaghmel dawn l-atti kellu din l-intenzjoni li joqtol jew li jpoggi l-hajja f’periklu car, li mhux qed jigi kontestat dan. Li qed jigi kontestat huwa l-istato d’animo tieghu. U huma zewg possibilitajiet qed tghidilkom id-difiza nerga’ nghid. Zewg difizi, jew agitazzjoni tal-mohh u passjoni istantaneja jew inkella l-istess ukoll agitazzjoni imma minhabba l-provokazzjoni.

“Issa l-agitazzjoni tal-mohh kull ma hi mental excitement, passjoni li ma thallikx tqis il-konsegwenzi ta’ l-eghmil tieghek, mhux ma tafx x’qed taghmel, taf x’qed taghmel imma tibqa’ ghaddej, ghax tant tkun intlift illi ma tikkontrollax, u flok tnaqqas tibda zzid, taccellera f’dak li qed taghmel prattikament hafna drabi. Jew inkella ghaliex inti provokat. Jekk hi ta’ l-ewwel jigifieri agitazzjoni tal-mohh dak tridu tpoggu ruhkom fil-posizzjoni tieghu u taraw minn dak li rrizulta hawn kienx il-kaz. Jekk ghal fini tal-provokazzjoni allura ma tpoggu xejn ruhkom fil-posizzjoni tieghu mbaghad taraw ic-cirkostanzi kollha imma mbaghad tghidu isma’ dan bniedem ta’ temperament normali, temperament ordinarju, ordinarju jigifieri mhux straordinarju, bniedem komuni, komunement il-ligi tghidlek kien igib ruhu hekk? U ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi ta’ dak li qed jaghmel? U hawn jidhol it-test oggettiv….

“Tliet affarijiet tridu tiddeciedu, wahda l-fatti li ser toqoghdu fuqhom liema huma, *once* li stabbilejtu dawk imbaghad araw irrizultawx l-elementi kollha ta’ l-omicidju volontarju fit-tnejn, u *once* li rrizultaw fit-tnejn jekk jirrizultaw, taraw dawn iz-zewg difizi jirrizultawx, wahda li ntilef b’certu mod li ma kienx jista’ jikkontrolla u ma jistax iqis l-eghmil tieghu mic-cirkostanzi li graw dak il-hin, anke jekk m’hemmx provokazzjoni u t-tieni wahda jekk qed jghid li hemm provokazzjoni tara oggettivament f’nies ta’ temperament ordinarju u komunement dik il-provokazzjoni li kien hemm; u hu qed jghid x’inhi l-provokazzjoni f’dan il-kaz? Il-fatt li dina bdiet theddu, issemma’; wkoll hawn ma nafx issemmiex forsi ma smajthiex jien pero` fl-istatement qal li ser tikxfu mal-mara wkoll, issa araw din speci ta’ x’theddida kienet li tikxfu mal-mara meta hu kien ilu separat minn mal-mara dan iz-zmien kollu, araw ukoll x’piz jista’ jkollha u ma jkollhiex din, ghax dan mal-mara kien qata’, qal imma kien wasal biex jerga’ jirranga, insomma jista’ jkun iva, jista’ jkun le, arawha intom, din kwistjoni ta’ fatt. Qal li talbitu l-elf lira, qal li ma jistax itihielha, allura dak il-hin harget il-mus. X’ghamlet bih? Qal li xejret bih. Laqtitu, ma laqtitux? Hu donnu qed jghid illi wegga’ meta mar jehodhulha minn idejha. Kellu ghalfejn imur jehodulha minn idejha? Meta hadulha minn idejha dak il-hin wegga’, qata’ subghajh darbtejn. Id u id. Issa dik il-provokazzjoni li jiena qed niehu mus minn idejn xi hadd u waqt li qed nehodulu minn idejn xi hadd inwegga’ idejja, kif probabbli ser jigrili jekk nipprova niehu mus jien jekk niddeciedi li niehdu, dik hija provokazzjoni li fi bniedem normali ta’ komportament normali, temperament normali komunement igib dik ir-reazzjoni li rajna f’dan il-kaz? U dik hemmhekk intom tiddeciedu fuq il-kriterju oggettiv. Bejnietkom id-disgha jiena cert illi intom hemmhekk ser tistabilixxu x’inhi the average standard ta’ bniedem kif ghandu jgib ruhu taht dawk ic-cirkostanzi.

Din il-Qorti ccitat *in extenso* mill-indirizz ta’ l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri peress illi tqis illi l-ispjegazzjonijiet li huwa ta dwar it-test soggettiv li ghandu jintuza meta tigi avvanzata d-difiza ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh mhux rizultat ta’ provokazzjoni u dwar it-test oggettiv fir-rigward ta’ din id-difiza meta jkun

hemm provokazzjoni huma korretti. Dawn il-brani juru wkoll kif l-ilment ta’ l-appellant li l-Imhallef li ppresjeda l-guri “ta spjegazzjoni semplicistika fis-sens li l-appellant kellu l-intenzjoni li joqtol taht l-artikolu 211, izda ‘baqa’ ghaddej’ ghaliex ma kienx kapaci li jqis l-konsegwenza tad-delitt minhabba l-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh” huwa nfondat ghaliex dak li l-appellant qieghed jiccita lill-Imhallef li qal hu mehud barra mill-kuntest tieghu.

Gara izda illi aktar tard fl-indirizz tieghu – proprjament meta tkompla l-indirizz fil-gurnata ta’ wara[3] – l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrikapitola dak li kien qal fil-gurnata ta’ qabel, u meta rrefera ghad-difiza ta’ l-agitazzjoni tal-mohh qal *inter alia* hekk:

“… U kif ghidtilkom il-bierah ukoll hawn it-test irid ikun soggettiv, fis-sens li tridu jekk jista’ jkun tpoggu ruhkom fil-posizzjoni li kien hu dak il-hin, meta gie rinfaccat b’din il-mara li jghid hu ghalkemm ghadhom kif kellhom x’jaqsmu jew ser ikollhom x’jaqsmu, f’daqqa wahda din fettillha skond ma jghid hu imma m’hemm hadd imerih, harget il-mus mill-handbag u bdiet speci theddu bih u xxejjer bih, u hu mar jehodulha u dak il-hin intlaqat u hariglu d-demm u ntilef. Issa tpoggi ruhek fil-posizzjoni tieghu, intom qeghdin tmien irgiel u hemm mara wkoll fostkom, u kulhadd jirraguna naturalment bl-esperjenza tal-hajja tieghu. Dak il-hin kieku jigrilek hekk, kieku kont minfloku dak il-hin, f’dawk ic-cirkostanzi kif kont tirreagixxi. Kont tintilef? Kien jigrilek hekk, u tispicca tmur kompletament *berserk*? Ghax dan huwa kaz ta’ tingiza wahda u daqshekk dan. Ruxxmata daqqiet u kollha fejn jaghmlu hsara u hsara kbira. Dik hemmhekk it-test irid ikun soggettiv.”

F’dan l-ahhar bran ma saritx espozizzjoni tal-ligi ghal kollox korretta peress illi permezz tat-test soggettiv il-gurati ma ghandhomx jikkunsidraw x’kienu jaghmlu huma fic-cirkostanzi li sab ruhu fihom l-appellant izda ghandhom iqieghdu lilhom infushom fil-posizzjoni ta’ l-appellant sabiex jippruvaw jifhmu il-kondizzjoni mentali tieghu, il-

[3] Fil-15 ta’ Dicembru 2005 peress illi l-indirizz kien beda fl-14 ta’ Dicembru 2005.

psike tieghu, jaraw jekk ir-reazzjoni tieghu jew l-agir tieghu kienx dovut ghal xi kondizzjoni interna. Izda b'daqshekk jista' jinghad li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja?

L-ewwel nett irid jinghad li fil-kazijiet prospettati taht il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 qabel ma gie emendat, sija f'kazijiet fejn l-omicidju volontarju sehh minhabba provokazzjoni sija fejn ma kienx hemm provokazzjoni, il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fil-piena.

Barra minn hekk minn ezami anke tal-kontro-replika ta' l-abbli difensur ta' l-appellant jirrizulta illi fl-ebda mument ma gie allegat li l-agitazzjoni tal-mohh jew il-passjoni istantaneja ma kienet dovuta ghal xi kondizzjoni interna u l-enfazi kontinwu kien li dak li ghamel l-appellant kien b'reazzjoni ghall-provokazzjoni li giet minn Vanessa Grech.

U jekk mill-provi seta' jirrizulta lill-gurati li l-appellant <u>ma kienx</u> taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh dovuta ghal provokazzjoni (kif del resto din il-Qorti hi soddisfatta li seta' jirrizulta), certament ma jistax jinghad li saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

Ilment iehor ta' l-appellant huwa s-segwenti:

"Illi l-appellant iqis ukoll l-ispjegazzjoni dwar l-intenzjoni ta' dan ir-reat skuzabbli ma kinitx adegwata. Id-difiza ghamlitha cara li l-appellant ikkommetta r-reat ta' omicidju volontarju, izda dan kien skuzabbli taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali. Fix-xiehda tieghu l-appellant ghamilha cara li ma riedx joqtol il-persuni involuti, haga li qal sew fl-istqarrija tieghu u anki fix-xiehda li ta lill-Magistrat Inkwirenti. B'hekk l-artikolu 211 tal-Kodici Kriminali jitlob li persuna tkun hatja ta' omicidju volontarju meta l-intenzjoni fuqha diretta jew indiretta li joqtol jew iqieghed il-hajja taghha f'perikolu car.[*sic!*] Waqt li fl-ispjegazzjoni ta l-artikolu 227(c) jistipula 'illi fil-fatt l-omicidju jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil.' L-appellant jissottometti illi mill-kliem il-legislatur jidher car li biex wiehed jibbenefika minn

din id-difiza ghandu jkun hemm l-assenza ta' l-intenzjoni imsemmija fl-artikolu 211. Ghalkemm l-appellant jikkoncedi li huwa responsabbli ghal qtil jew il-mewt ta' Vanessa u Ailey Grech, huwa fil-mument li kkawza l-mewt taghhom ma kellux l-intenzjoni li jikkommetti l-omicidju volontarju. Fil-fatt ma kienx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt. B'hekk qed jigi sottomess li d-difiza mressqa ma tkunx valida jekk waqt il-kommissjoni tad-delitt fil-mument li jkun qed isehh ir-reat ikun hemm l-intenzjoni diretta jew indiretta kif rikjest mill-artikolu 211, izda fl-istess hin ikun hemm sahna ta' demm. Il-legislatur ghalkemm jista' jkun kritikat ghal kif esprima ruhu fit-tieni paragrafu ta' l-artikolu 227(c) juza l-kelma omicidju u mhux il-frazi omicidju volontarju u b'hekk l-appellant huwa ta' l-opinjoni li qed jaghmel referenza ghal qtil jew mewt u mhux ghar-reat imsemmi fl-artikolui 211(2) tal-Kodici Kriminali."

Permezz ta' dan l-ilment l-appellant ma huwa jaghmel xejn hlief kuntrumbajsa mentali li ma taghmilx sens. L-ewwelnett jinghad illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta spjegazzjoni korretta ta' l-elementi kollha tar-reat ta' omicidju volontarju kif jirrizulta mill-parti rilevanti ta' l-indirizz[4], inkluz l-element intenzjonali. L-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali mbaghad huwa car meta jelenka s-sitwazzjonijiet fejn huwa skuzabbli "l-omicidju <u>volontarju</u>". Il-fatt li l-*proviso* tal-paragrafu (c) ta' dak l-artikolu ma jikkwalifikax il-kelma "omicidju" bil-kelma "volontarju" ma jfissirx li dan il-*proviso* mhuwiex qieghed jirreferi ghal omicidju "volontarju". Anke waqt il-kontro-replika d-difensur ta' l-appellant ittanta jghid li dan ma kienx kaz ta' omicidju volontarju u l-ewwel Qorti attiratlu l-attenzjoni ghall-posizzjoni legali aktar minn darba <u>u ghal dik li hija l-intenzjoni rikjesta fil-kaz tad-difizi li kienu qeghdin jigu avvanzati</u>. Barra minn hekk interessanti li ssir referenza ghal bran partikolari ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri fejn, filwaqt li qieghed jispjega l-intenzjoni omicida u jirreferi ghal dak li sostniet id-difiza li kien veru li l-appellant ikkaguna l-mewt izda bl-iskuzanti li kien agitat u kien provokat, u wara li jghid li dan mhuwiex in kontradizzjoni mal-fatt li jkun sar omicidju volontarju, "ikun sar l-omicidju

4 Fol. 19 – 22 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

volontarju pero` jkollu l-iskuzanti tieghu”, l-Imhallef li ppresjeda l-guri jkompli hekk:

“U donnu mil-linja li hadet id-difiza l-Qorti fehmet, jekk fehmet hazin nerga’ nghid lid-difiza ma jimpurtax tissenjalali, illi fuq l-intenzjoni u fuq il-fatt innifsu, li kien l-att tieghu materjali li kkaguna l-mewt u li kien hemm din l-intenzjoni dak il-hin li tigi kkagunata l-mewt, ma hemmx kontestazzjoni. Jekk hemm fuq dan il-punt nitlob lid-difiza tghidli issa, jiena diga` saqsejtha darba tnejn qabel u donnu fehmet dak li qed nghid jien u mxiet ma’ dak li qed nghid jien.”

Ma jirrizultax li saret xi osservazzjoni mid-difiza meta hekk mistiedna mill-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti qieghda issa tqis l-ilment hawn fuq imsemmi bhala wiehed ghal kollox fieragh.

Konsegwentement it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li sar mill-gurati peress illi l-appellant jghid li ma kienx hemm provi sufficjenti biex gurija ragjonevoli tasal ghal konkluzjoni ta’ htija oltre d-dubju ragjonevoli. Skond l-appellant:

“(a) L-aktar prova importanti li ressqu l-pulizija kienet dik ta’ l-appellant, fejn ghamel stqarrija lill-pulizija u stqarrija guramentata lill-Magistrat Inkwerenti. Fil-guri l-appellant xehed. Fiha l-appellant ta rendikont dettaljat fuq kif grat il-qtil ta’ Vanessa u Ailey Grech.

(b) Illi l-prosekuzzjoni tammetti l-mus li nstab x’aktarx kienet [*recte:* kien] ta’ Vanessa Grech, haga li giet stabbilita fil-kumpilazzjoni, izda haga li l-prosekuzzjoni zammet lura mill-gurati. Dan il-fatt huwa kompatibbli mal-fatti kif gew rakkontati mill-appellant, jigifieri li kienet Vanessa Grech li l-ewwel aggredixxiet lilu. Kien minn hemmhekk li l-appellant gie mahkum minn passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh.

(c) L-aktar prova ta’ dan kien il-qtil ta’ Aily Grech li kellha biss dak iz-zmien 17-il xahar. Qtil li ma jaghmel l-ebda sens, hlief li l-appellant meta wettaq id-delitt kien taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh.

(d) Illi l-istorja ta’ l-appellant mhijiex biss verosimili, izda tali li l-unika konkluzjoni li wiehed jista’ jigbed mill-provi prodotti kienet li kif spjega l-appellant stess u l-mod tieghu kien qed jagixxi taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh. Il-paniku tieghu kien car, meta tefa z-zewg kadavri fil-bir ta’ fond li hu biss ghandu access ghalih u bhala konsegwenza l-elementi ta’ l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, kienu prezenti.

(e) Illi l-appellant rrimetta ruhu ghal Kap IV tal-Kap ta’ l-Akkuza u jaghmel l-istess presentament fil-Kap III.”

Hawn qeghdin fil-kamp ta’ l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta’ revizjoni u, in ezekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti Istruttorja – peress illi ma saritx it-traskrizzjoni tax-xiehda mismugha waqt il-guri hlief dik ta’ l-appellant u li din il-Qorti ezaminat ukoll – id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f’dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef (u salv dak li ntqal fuq), setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellant fir-rigward ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-

gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[5].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to**

---

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubbllika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li <u>jaraw u jisimghu</u> x-xhieda kollha.

Il-punt krucjali f'dan il-kaz kien u jibqa' l-istess, u cioe` jekk fil-mumenti tad-delitti l-appellant kienx taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitti ma setax iqis l-eghmil tieghu (u ghax kien provokat).

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Jghid x'jghid l-appellant illi ma riedx joqtol lil Vanessa Grech u lil Ailey Grech, galadarba d-difizi migjuba minnu huma dawk taht l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali hawn si tratta tad-delitt, f'dan il-kaz duplici, ta' omicidju volontarju.

2. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati, salv dak li diga` nghad, mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, waslu ghal verdetti ta' htija dwar il-kapi kollha ta' l-att ta' akkuza u, fil-kaz ta' l-ewwel zewg kapi, minghajr skuzanti.

3. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-provi huma tali li permezz taghhom il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jeskludu l-iskuzanti avvanzati mid-difiza.

4. Kwantu ghall-ewwel difiza, dik ta' passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh dovuta ghal xi haga interna ossia estraneja ghal provokazzjoni esterna, m'hemm l-ebda dubju li mill-provi ma jirrizulta xejn minn dan. L-appellant innifsu fix-xiehda tieghu u anke sa mill-bidu nett jallega li kien hemm provokazzjoni (minghajr ma juza proprju din il-kelma) da parti ta' Vanessa Grech li hedditu li sejra tghid

lil martu dwar ir-relazzjoni taghhom u li harget mus ghalih u xejritu lejh u laqtitu. Ghal dak li jirrigwarda t-theddida msemmija, l-appellant stess jghid li Vanessa Grech kienet taf li huwa kien separat minn ma' martu u li hu ma hasshiex bi kbira li tghid lil mara ghalkemm "dan l-ahhar kont qisni se nirranga"[6]; ghalhekk l-appellant stess qieghed jeskludi din it-theddida bhala xi haga li setghet ikkawzatlu dik il-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh li setghet waslitu biex jikkommetti d-delitti hawn in ezami.

5. Kwantu ghat-tieni difiza, il-gurati kellhom jiddeciedu jekk iz-zewg omicidji kinux attribwibbli ghal sahna tad-demm kawzata minn provokazzjoni li "f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt". U ghalhekk dan kien jiddependi minn jekk jemmnux lill-appellant li huwa gie aggredit minn Vanessa Grech u li meta ntlaqat f'sebghu z-zghir u ra d-demm huwa "ntilef" b'tali mod li ma setax iqis il-konsegwenzi ta' dak li kien qieghed jaghmel. Issa, jinghad mill-ewwel li l-appellant ma kienx konsistenti fil-verzjonijiet li ta. Hekk, per ezempju:

a) L-uniku xhud dwar l-akkadut huwa l-appellant innifsu li ma kienx konsistenti fil-verzjonijiet li ta. Mhux sorprendentement, meta beda jigi interrogat mill-Pulizija, ghall-ewwel ivvinta storja ta' terz li kien dahal fil-fond fejn hu kien iltaqa' ma' Vanessa Grech (li kellha lil bintha Ailey maghha) u li beda jxejjer bis-sikkina u jaghti lil Vanessa u hu libes ix-shorts u telaq 'il barra u hallihom fil-fond. Wara li ddecieda li jammetti li kien hu li qatilhom, irrilaxxja stqarrija fejn sostna li dan kien wara li kellu argument ma' Vanessa ghax hi riedet elf lira u hu qallha li ma kellux mnejn itihomlha u li ma kienx se jissellifhom u hi harget mus mill-*handbag*, bdiet ixxejjer bih u hu jilqa' b'idejh filwaqt li bdiet theddu wkoll li ser tghid lil martu dwar ir-relazzjoni taghhom. Meta qala' daqqiet fuq idu hu hadilha l-mus minn idejha, intilef u ma baqax jara u beda jtiha bl-istess mus. It-tifla giet fil-kamra tas-sodda fejn kienu,

[6] Xiehda moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-14 ta' Novembru 2001. Atti tal-kumpilazzjoni a fol. 259.

qabadha u tefaghha fuq is-sodda u qabad itiha wkoll. Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ikkonferma l-istqarrija bil-gurament u kkorrega ruhu biss fis-sens li qal li t-tifla giet fil-kamra tas-sodda qabel ma qatel lil Vanessa, Vanessa qabdet lit-tifla b'idejha u hu laqat lit-tifla. Imbaghad qal li lit-tifla hemm fejn laqatha u hemm fejn taha (cioe` f'dak l-istadju).

b) Fl-istqarrija tieghu jghid illi meta Vanessa marret ghandu, lit-tifla hallietha rieqda fis-salott, dahlu fil-kamra tas-sodda nezghu u kellhom x'jaqsmu flimkien u l-argument beda kwazi kif lestew. Hi harget il-mus li kien diga` miftuh minn gol-*handbag* li kien hdejn is-sodda. Meta xehed waqt il-guri qal li meta waslet baqghet diehla bit-tifla ghal fuq is-sodda. Lit-tifla hallietha fuq is-sodda, huma nezghu izda ma kellhomx rapport peress illi qabdet mill-ewwel targumenta dwar l-elf lira li riedet. It-tarbija kienet rieqda f'idejha, fethet il-*handbag* li kien fuq is-sodda, harget il-mus u bdiet ixxejjer bih u tghajru. Imbaghad spjega li l-mus hargitu qabel ma kellha lit-tarbija f'idejha, imbaghad regghet hatfet lit-tarbija u bdiet taghti bil-mus ghal go fih wara li qamet minn fuq is-sodda u qaltlu li jew jaghtiha elf lira jew taghtih bil-mus. Imbaghad qal li meta giet lejh hu kellu dahru lejha

c) Meta kien qieghed jixhed waqt il-guri dwar kif Vanessa Grech harget il-mus minn gol-*handbag* u giet lejh, l-appellant qal li meta giet lejh hu kellu dahru lejha. Is-segwenti bran ikompli juri l-inkonsistenzi ta' l-appellant[7]:

"Xhud: Imbaghad giet ghal fuqi bdiet ixxejjer.
Qorti: Issa meta qamet bil-wieqfa inti kont ghadek hemm bejn il-hajt u s-sodda jew kont qieghed fil-kuritur?
Xhud: Le jiena kont dahri lejha ghax kont ha naqbad it-tazza tal-inbid minn fuq il-gradenzina.
Qorti: Allura kif taf illi harget, jekk kont dahrek lejha, li harget il-mus mill-*handbag*?
Xhud: Ghax imbaghad x'hin rajtu f'idejha bil-fors mill-*handbag* hargitu. Jien ma kellix imwies.
Qorti: E mela ma rajthiex allura?

[7] Tape 11 Side A p. 4 – 5.

Xhud: Le l-*handbag* rajtha taqbad jien. Ma qabditx l-imhadda.
Qorti: Rajtha tohorgu mill-*handbag* imma?
Xhud: Iva. Jien ghalhekk jiena cert li mill-*handbag*.
Qorti: Imma ghadek kif ghidtilna li kont dahrek lejha?
Xhud: Iva imma dort u x'hin dort rajtha tohorgu mill-*handbag*. Ma taghtnix cans nispjegalha forsi.
Qorti: Kollox sew imma ghalhekk qed nghidlek tghaggilx.
Av. Dif: Bil-mod haga haga.
Qorti: Ghax kull darba qed taqbez bicca u jkollna nreggghuk lura.
Xhud: *All right*.
Qorti: Ahna mhux qeghdin nippruvaw naghtuk xi Gambetta hawn imma rridu nifhmu ezatt x'gara.
Xhud: Ehe.
Av. Dif: U l-anqas ma konna hemm jigifieri inti trid tispjega.
Xhud: Le jien ha nispjega ezatt x'gara.
Qorti: Heq kompli.
Xhud: Kif dort rajtha tohorgu mill-*handbag* taghha. All right? Qaltli ….”

d) Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li lil Vanessa Grech taha bil-mus “zgur fuq sidiriha u ghalkemm ma nafx kemm-il daqqa ta' mus tajtha, nghid li tajtha hafna daqqiet bil-mus.” Meta xehed waqt il-guri qal li meta laqtitu fuq subghajh “ma nafx x'gara dak il-hin” ghax x'hin ra d-demm beza' ghax hu jibza' hafna mid-demm, u “la naf kif hadtilha l-mus ma nafx jekk ilqatthiex jew tajtha dak il-hin”.

e) Fl-istqarrija tieghu jghid li meta t-tifla Ailey giet fil-kamra tas-sodda, qabadha u tefaghha fuq is-sodda u qabad itiha bl-istess mus. Ma jafx kemm-ild aqqa izda “nahseb li aktar minn daqqa wahda u tajtha fuq sidirha bil-mus”. Meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti qal li t-tifla kienet giet qabel ma qatel lil ommha, li ommha qabditha b'idejha u b'hekk laqat lit-tifla u, mistoqsi jekk laqathiex jew tahiex daqqiet wiegeb: “Hemm fejn ilqattaha u hemm fejn tajtha”. Waqt il-guri xehed dwar it-tifla li: “X'hin dahlet naf biss qabel ma nqala' l-argument ghax

imbaghad wara ma bdejt niftakar xejn” u “La naf jekk ilqattha, la naf jekk dan, xejn ma naf, ma niftakar xejn”. Pero` insista li l-verzjoni korretta hi li t-tifla kienet f’idejn ommha x’hin l-omm bdiet ixxejjer bil-mus. U aktar ‘il quddiem l-appellant jistaqsi: “Setghet laqtitha hi lit-tarbija meta bdiet ixxejjer idejha”?

f) Meta xehed waqt il-guri l-appellant gie mistoqsi kif jispjega li “llum qed tghid li ma tiftakarx x’gara u dik inhar li kellimt lill-Pulizija, jumejn wara, tajthom tliet faccati bid-dettalji kollha” u huwa wiegeb hekk:

Xhud: Kien ghadu qrib id-delitt u li sar.
Qorti: E?
Xhud: Kien ghadu qrib iz-zmien. Illum ghaddew erba’ snin. Fil-habs.
Qorti: Ehe sewwa imma inti qed tghidilna ma tafx x’gara ghax dak il-hin taghtek dalma u ma tiftakarx x’gara llum. Imma allura dik id-dalma li kellek dak inhar wara jumejn ghaddietlek jigifieri?
Xhud: Wara jumejn, tlett ijiem bdiet tghaddi. Il-mohh beda.
Qorti: Imbaghad regghet giet fuqek illum allura issa?
Xhud: Le llum ma niftakarx ezatt precizi f’erba’ snin ilu x’ghadda minni.”

Izda ftit wara, fuq osservazzjoni tal-prosekutur li l-appellant kien dahal fid-dettal mal-Pulizija dwar kemm-il daqqa u x’tip ta’ daqqiet taha, wiegeb: “Le ma nafx kemm, hemm hafna statement qeghdin kontra tieghi u ma nafx x’kont qed nghid dak il-hin.”

6. Kieku wiehed kellu jaccetta l-verzjoni li l-appellant ta waqt il-guri ta’ kif Vanessa Grech qabdet il-mus f’id wahda, imbaghad qabdet it-tarbija fl-id l-ohra u qamet mis-sodda xxejjer il-mus lejn l-appellant, din il-Qorti ma tistax ma ssaqsix xi hsara setghet taghmel lill-appellant f’dik il-qaghda bit-tarbija f’idejha, ikkunsidrati wkoll l-istatura u s-sahha tieghu. Jekk l-appellant intlaqat meta mar biex jehdilha l-mus minn idejha ghax, skond ma jghid, beza’ li se tolqot lit-tarbija, kemm hu verosimili li ntilef bil-mod kif irid lil kulhadd jemmen li ntilef meta ra d-demm u

kkommetta dik l-istragi kollha? Kemm hu verosimili li bniedem ta' temperament ordinarju f'dis-sitwazzjoni ta' provokazzjoni li l-appellant jghid li kien fiha ma jkunx jista' jqis l-eghmil tieghu? L-istqarrija li ta lill-Pulizija u kkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, salv ghall-parti fejn qal li Ailey Grech giet fil-kamra tas-sodda qabel ma qatel lil ommha u mhux wara, hi dettaljata hafna. Fiha jispjega precizament dak li ghamel u kif qatel lil Vanessa u lil bintha u x'ghamel wara. Sahansitra meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti jippreciza li lil Ailey Grech kien hemm fejn laqatha u kien hemm fejn taha, u dan gie sahansitra kkonfermat mill-Prof. M'Therese Camilleri Podesta li xehdet li mill-feriti riskontrati wahda kienet *"slash"* u l-ohrajn *"stabs"*[8].

7. L-appellant jghid li ntilef u li ma baqax jara. Izda jekk, ghal xi raguni, huwa kien qieghed jibza' ghall-inkolumita` tieghu u tat-tarbija, galadarba ha l-mus minn idejn Vanessa Grech – dejjem skond kif jghid hu – dik it-theddida kienet spiccat. Barra minn hekk l-appellant jipprezenta ruhu bhala bniedem li mhuwiex vjolenti izda li jaf jaghti d-daqqiet ghax ghandu t-*training* apposta[9]. Bhala tali ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant seta' jqis sew l-eghmil tieghu u kien kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitti tieghu.

8. L-esperti medici tkellmu fuq il-vjolenza tad-daqqiet fuq Vanessa Grech u li xi uhud minnhom sahansitra waslu sa l-ispina dorsali. Il-posizzjoni tad-daqqiet ukoll jindika li dawn gew immirati lejn l-organi vitali. Ghalkemm, kif inghad, l-appellant jipprezenta ruhu bhala bniedem li mhuwiex vjolenti, in-natura tal-feriti nflitti fuq iz-zewg vittmi juru mod iehor. L-appellant isostni li dan kien dovut ghal sahna ta' demm minhabba provokazzjoni. Il-gurati evidentement ma qablux ma' din it-teorija u, fid-dawl ta' dak li nghad hawn fuq, setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkuzjoni li waslu ghaliha.

---

[8] A fol. 215 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.
[9] Ara xiehda tieghu waqt il-guri Tape 12 Side A fol. 9 – 10 u xiehda ta' Maria Claudette Camilleri a fol. 287 – 288 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

9. L-appellant jghid li l-qtil ta' Ailey Grech ma jaghmilx sens hlief li huwa kien taht passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh. Issa, meta l-appellant xehed fil-guri qal illi qabel ma ltaqa' ma' Vanessa Grech kien qieghed jixrob fil-Kazin tal-Labour f'Birzebbugia. Qal illi kien "ihobb jixrob dik in-naqra nbid". Jidher li dak inhar kien dam xi ftit jixrob qabel ma mar fil-fond fejn gew kommessi d-delitti in kwistjoni. L-appellant jghid li kien kellem lil Vanessa Grech ghall-habta tal-11.30 a.m. minn fuq ix-xoghol meta qaltlu li kienet inkwetata minhabba xi glieda li kellha dwar flus li kellha taghti u hu qallha li se jkun il-Kazin imsemmi. Mix-xiehda tal-Maggur Ronnie Xuereb[10] jirrizulta li l-appellant telaq mix-xoghol bejn in-nofs siegha u s-siegha neqsin kwart. L-appellant jghid li rega' cempel lil Vanessa ghall-habta tas-1.00 p.m./is-2.00 p.m. u qaltlu biex jibqa' fejn hu. Jghid li baqa' mal-hbieb jixrob u l-ahhar telefonata lil Vanessa "ma nafx jekk tajthiex xit-3.00 p.m." meta Vanessa qaltlu biex imur il-post jistenniha hemm. Jidher li anke fil-post l-appellant dar ghal xi tazza nbid. Dan kollu qieghed jinghad peress illi huwa maghruf illi l-alkohol jista' jaghmel bniedem vjolenti u diversi huma r-reati li jigu kommessi meta persuna tkun xorbot xi ammont ta' alkohol izda minghajr ma tkun f'tali stat ta' sokor li jista' jxejjen jew b'xi mod inaqqas ir-responsabbilta` kriminali taghha. Difatti f'dan il-kaz ma giet avvanzata l-ebda difiza f'dan is-sens. Bhalma jghid il-Profs. Anthony Mamo fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law Vol. I**:

*"Intoxication, it should always be remembered, is but a relative term: it does not lend itself easily to definition and, therefore, the standards by which the existence of the state is gauged are very variable. It is a question of degrees, ranging from mere exhilaration down to unconsciousness: hence the division into four successive stages – <u>jocose, bellicose, lachrymose, comatose</u>. To say even when a man is drunk is the most difficult problem: he may be too drunk to do this act properly, yet sober enough to do some other. Further it is a matter of popular observation that the physiological effects of alcohol differ in different individuals …."*

---

[10] A fol. 171 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

Dan kollu qieghed jinghad peress illi wisq probabbli, l-inbid li kien xorob l-appellant, minghajr ma offuska l-menti, ikkontribwixxa biex huwa jagixxi bil-vjolenza skatenata li huwa uza fuq iz-zewg vittmi u dan billi tnaqqsu jew twarrbu dawk li komunement jissejhu inibizzjonijiet. Il-qtil ta' Ailey Grech kienet konsegwenza tal-qtil ta' ommha – galadarba kien qatel lil Vanessa, kif seta' jispjega l-appellant li din it-tarbija ta' sbatax-il xahar kienet f'idejh? Jekk Ailey kienet diga` ntlaqtet bil-mus, kif seta' jispjega l-ferita li kienet diga` garrbet u l-assenza ta' ommha? Ghalhekk l-unika triq li kellu kienet dik li jehles minnha wkoll. Ma jistax l-anqas ma jigix osservat kif immedjatament wara li wettaq dawn id-delitti, l-appellant ipprova jnaddaf ix-xena tad-delitti, heba l-kadavri fil-bir u vvinta storja ghall-habib tieghu Frans Deguara dwar li kien waqa' minn fuq il-mutur.

Konsegwentement anke l-ewwel aggravju huwa michud.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li ghalkemm il-verdett mhuwiex unanimu dwar l-ewwel kap [kif ukoll dwar it-tieni kap], u minkejja dak li tipprovdi l-ligi, l-ewwel Qorti kkundannatu ghall-oghla sentenza li setghet taghtih, dik ta' prigunerija ta' l-ghomor. Huwa jqis din il-piena bhala harxa zzejjed.

In materja ta' piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

M'hemmx dubju li l-piena nflitta hija fil-parametri tal-ligi. Difatti l-artikolu 211(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li kull min jinsab hati ta' omicidju volontarju jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru.

Issa, il-verdett tal-gurati fil-kaz ta' l-ewwel zewg kapi ta' l-att ta' akkuza kien ta' tmien (8) voti favur u wiehed (1) kontra. L-artikolu 492 tal-Kodici Kriminali kif vigenti meta sehhew id-delitti in kwistjoni (illum l-artikolu 492(2) ta' l-istess Kodici) jipprovdi hekk:

**“Il-qorti tista’ taghti piena ta’ prigunerija ghal zmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor jekk, fid-dikjarazzjoni ta’ fatt li ghalih hemm stabbilita l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi.”**

Ghalhekk dan l-artikolu, fic-cirkostanzi msemmija, qieghed ihalli d-decizjoni dwar jekk il-piena ghandhiex tkun dik ta’ l-ghomor jew anqas, fid-diskrezzjoni tal-Qorti. F’dan il-kaz l-ewwel Qorti dehrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li wara li “qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz thoss u tara illi ghal dan il-kaz ta’ omicidju doppju fejn il-gurati m’acettawx id-difizi prospettati mill-hati u ma sabu ebda attenwanti jew skuzanti, hi ma tistax hlief tapplika l-piena ta’ prigunerija ghal ghomor”.

Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex b’xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti, anzi taqbel perfettament ma’ dik id-decizjoni. Hawn ghandna kaz kiefer fejn zewg hajjiet – dik ta’ omm zaghzugha u dik tat-tarbija taghha – gew mitmuma hesrem b’mod makabru bl-agir selvagg ta’ l-appellant. Min ikun responsabbli ghal agir bhal dan irid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta’ piena adegwatament harxa. U bhalma qalet din il-Qorti f'**Ir-Repubblika ta’ Malta v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: *“Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta’ deterrent generali; u l-qrati ta’ gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f’kazijiet ohra.”*

Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tiddisturba l-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti u konsegwentement anke l-ahhar aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------